22004D0051



# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

## Nru 51/2004

## tat-23 ta' April 2003

## li temenda l-Anness XXI (Statistika) li tinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi ż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 33/2004 tad-19 ta' Marzu 2004 ([1]).

(2) R-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1668/2003 tal-1 ta' Settembru 2003 li jimplimenta r-regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 fir-rigward tal-format tekniku għat-trasmissjoni ta' statistika strutturali tan-negozju u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2702/98 li jikkonċerna l-format tekniku għat-trasmissjoni ta' statistika strutturali tan-negozju ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tgħodd għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 1ċ (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2702/98):

"– **32003 R 1668**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1668/2003 tal-1 ta' Settembru 2003 (ĠU L 244, tad-29.9.2003, p. 32)."

2. Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 1g (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1228/1999):

"1.h **32003 R 1668**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1668/2003 tal-1 ta' Settembru 2003 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 fir-rigward tal-format tekniku għat-trasmissjoni ta' statistika strutturali tan-negozju u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2702/98 li jikkonċerna l-format tekniku għat-trasmissjoni ta' statistika strutturali tan-negozju (ĠU L 244, tad-29.9.2003, p. 32).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim presenti, jinqraw bl-adattazzjoni li ġejja:

Dan ir-Regolament m'għandux jgħodd għall-Liechtenstein."

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1668/2003 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġija, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 127, tad-29.4.2004, p. 144.
([2]) ĠU L 244, tad-29.9.2003, p. 32.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' April 2004, kemm-il darba li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE tal-, u fis-Suppliment ŻEE tal-, *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' April 2004.

*Għall-Kumitat Konġunt ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND

(*) Ma huma indikati ebda ħtiġiet kostituzzjonali.